

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1317**tat-28 ta' Ġunju 2023****dwar deroga temporanja mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 fir-rigward ta' ċerti miżuri li jindirizzaw it-tfixkil fis-suq fis-settur tal-inbid**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 54, (a) u (e) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sitwazzjoni ekonomika attwali kkaratterizzata minn kostijiet tal-produzzjoni għoljin għall-produzzjoni agrikola u żieda fl-għoli tal-ħajja qed ikollha impatt negattiv sinifikanti fuq is-suq tal-inbid f'diversi Stati Membri. L-inflazzjoni globali u t-tnaqqis relatat tal-kapaċità tal-akkwist tal-konsumaturi qed ikomplu jaggravaw ix-xejra ġenerali ta' tnaqqis fil-konsum tal-inbid fl-Unjoni. Għalhekk il-produtturi tal-inbid qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi għall-ħsad li jmiss: akkumulazzjoni ta' stokkijiet tal-inbid, konsum imnaqqas, telf ta' introjtu u diffikultajiet fil-bejgħ. F'dan l-isfond, sar meħtieġ li l-Kummissjoni tadotta għadd ta' miżuri eċċezzjonali tas-suq biex tindirizza s-sitwazzjoni żbilanċjata attwali fis-suq tal-inbid u tirreaġixxi fil-ħin qabel ma tiddeterjora. Il-miżuri previsti jinkludu, fost l-oħrajn, il-possibbiltà li tiġi ffinanzjata d-distillazzjoni ta' kriżi taħt il-programmi nazzjonali ta' appoġġ għall-inbid b'deroga mill-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 kif ukoll xi aġġustamenti li jikkonċernaw il-miżuri eliġibbli l-oħra ffinanzjati taħt il-programmi f'konformità ma' dak l-Artikolu.
- (2) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw minnufih il-miżuri ta' kriżi msemmiha hawn fuq, jeħtieġ li għas-sena finanzjarja 2023 tingħata deroga minn diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1150 ⁽²⁾ relatati mal-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ fis-settur tal-inbid.
- (3) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 jipprovdi li bidliet fir-rigward tal-programmi ta' appoġġ applikabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 41(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ma jistgħux jiġu sottomessi aktar minn darbtejn kull sena finanzjarja. Dment li l-programmi nazzjonali attwali ta' appoġġ għall-inbid japplikaw biss sal-15 ta' Ottubru 2023, kif stabbilit fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw malajr il-programmi nazzjonali ta' appoġġ tagħhom għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni żbilanċjata attwali fis-suq tal-inbid, huwa xieraq li jitħallew jissottomettu bidliet fil-programmi tagħhom aktar minn darbtejn kull sena finanzjarja sakemm dawk il-bidliet jiġu ppreżentati qabel l-15 ta' Ottubru 2023. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu kapaċi jirreaġixxu malajr għaċ-ċirkostanzi instabbli tas-suq u jissottomettu bidliet fil-programm tagħhom miż-żmien qabel u bil-frekwenza li jitqies li jkun hemm b'żonn. Tali flessibbiltà tippermetti li l-Istati Membri jottimizzaw il-miżuri li diġà huma fis-seħħ, iżidu l-għadd ta' interventi u jagħmlu aġġustamenti iktar sikwit filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni tas-suq. B'din il-flessibbiltà mtejjba, l-operaturi, inkluż l-operaturi l-ġodda, ikollhom iktar opportunitajiet biex iressqu applikazzjonijiet għall-appoġġ. Għalhekk, jeħtieġ li tingħata deroga mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 biex ikunu jistgħu jsiru bidliet fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ kull meta jkun meħtieġ fis-sena finanzjarja 2023.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1150 tal-15 ta' April 2016 li jistabbilixxi r-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-każ ta' programmi nazzjonali ta' appoġġ fis-settur tal-inbid (ĠU L 190, 15.7.2016, p. 23).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).

- (4) Barra minn hekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni prevalenti tas-suq, u biex jitnaqqas ir-riskju li dan jestendi wara l-ħsad tal-inbid li jmiss, il-Kummissjoni qed tadotta miżuri eċċezzjonali, fost l-oħrajn, biex dan is-sajf tippermetti lill-Istati Membri jżidu l-użu tal-miżura tal-ħsad bikri fil-programmi tagħhom ta' appoġġ għall-inbid. Għal dan il-għan, huwa pertinenti li tingħata flessibilità lill-Istati Membri fir-rigward tal-iskadenzi għall-implimentazzjoni tal-miżura tal-ħsad bikri. L-ewwel nett, jeħtieġ li jiġu posposti għas-sena finanzjarja 2023 kemm l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ għall-ħsad bikri kif ukoll l-iskadenza għat-twettiq ta' tali operazzjonijiet kif stabbilit rispettivament fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, dment li l-operazzjoni titwettaq qabel iż-żmien normali tal-ħsad kif ikkaratterizzat mill-istadju Baggiolini tal-maturità rilevanti. Jenħtieġ li dan jipprovdi lill-produtturi bi żmien addizzjonali biex japplikaw u jwettqu operazzjonijiet bħal dawn. It-tieni nett, fir-rigward tal-iżviluppi attwali tas-suq u l-eċċess tal-produzzjoni tal-inbid li rriżultaw, ma jidherx pertinenti li l-Istati Membri jintalbu jipprovdu ġustifikazzjoni speċifika għall-applikazzjoni tal-ħsad bikri. Għalhekk, jixraq li tingħata deroga mill-Artikolu 8(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 u li jiġi sospiż temporanjament għas-sena finanzjarja 2023 ir-reqwiżit li l-Istati Membri jistabbilixxu sitwazzjoni tas-suq mistennija li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-ħsad bikri għall-irpiljar tal-bilanċ tas-suq u għall-prevenzjoni tal-kriżi.
- (5) Barra minn hekk, bħala konsegwenza tal-flessibilità mogħtija lill-Istati Membri fir-rigward tal-iskadenzi għall-implimentazzjoni tal-miżura tal-ħsad bikri, jeħtieġ li tingħata deroga mill-Artikolu 43(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 biex tiġi aġġustata l-iskadenza prevista f'dik id-dispożizzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kontrolli fuq l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' hsd bikri. Għalhekk, fis-sena finanzjarja 2023, tali kontrolli jenħtieġ li jsiru sal-15 ta' Settembru 2023 u, fi kwalunkwe każ, għandhom jitlestew saż-żmien normali tal-ħsad (l-istadju N Baggiolini, l-istadju 89 BBCH).
- (6) Fid-dawl tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficiali tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu, meta jkun meħtieġ matul is-sena finanzjarja 2023 iżda mhux iktar tard mill-15 ta' Ottubru 2023, bidliet fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ tagħhom fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 41(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
2. B'deroga mill-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, matul is-sena finanzjarja 2023, l-Istati Membri jistgħu:
 - (a) jistabbilixxu l-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ għall-ħsad bikri, kif imsemmi fil-punt (b) ta' dak l-Artikolu, bejn l-15 ta' April u t-31 ta' Lulju;
 - (b) jagħżlu li ma jistabbilixxux sitwazzjoni tas-suq mistennija li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-ħsad bikri, kif imsemmi fil-punt (c) ta' dak l-Artikolu;
 - (c) b'deroga mill-punt (d) ta' dak l-Artikolu, jistabbilixxu sal-15 ta' Lulju, skadenza f'data wara l-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ għall-ħsad bikri kif previst fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għat-twettiq tal-operazzjonijiet tal-ħsad bikri f'konformità mar-reqwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Din l-iskadenza għandha tiġi stabbilita qabel iż-żmien normali tal-ħsad (l-istadju N Baggiolini, l-istadju 89 BBCH) fi kwalunkwe żona partikolari.
3. B'deroga mill-Artikolu 43(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, il-verifiki kollha tal-operazzjonijiet ta' hsd bikri implimentati fis-sena finanzjarja 2023 għandhom isiru sal-15 ta' Settembru 2023 u, fi kwalunkwe każ, għandhom jitlestew saż-żmien normali tal-ħsad (l-istadju N Baggiolini, l-istadju 89 BBCH) fi kwalunkwe żona partikolari.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
